## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' MARZU 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 92/1992RGM**

**Natalie mart Dr Anthony Barbara u l-istess Dr Anthony Barbara**

**vs.**

**Charles sive Carmelo Micallef u għall-interess li jista' jkollhom John u Victor aħwa Micallef u Marisa mart Albert Damato u l-istess Albert Damato u Margaret armla Micallef u b'digriet tad-19 ta' Diċembru, 2014 l-atti ta' Margaret Micallef li mietet fil-mori tal-kawża ġew trasfużi f'isem Marisa Damato, John u Victor Micallef u bħala leġittimarju lil Charles sive Carmelo Micallef**

**Il-Qorti:**

**Daħla.**

Rat **iċ-ċitazzjoni tal-atturi Nathalie mart Dr Anthony Barbara u l-istess Dr. Anthony Barbara** li permezz tagħha ippremettew u talbu s-segwenti:

Billi l-attrici Nathalie Barbara u l-konvenut Charles sive Carmelo Micallef, kif ukoll Victor u John ahwa Micallef huma lkoll werrieta flimkien ma' ohthom Marisa Damato tal-mejjet missierhom Emmanuel Micallef li miet intestat fil-11 ta' Marzu, 1985;

U billi l-konvenut Charles sive Carmelo Micallef kien jamministra n-negozju komuni tal-imsemmija werrieta kif ukoll ta' ommhom Margaret armla Micallef, liema negozju kien jikkonsisti fi trobbija u bejgh ta' barrin, kif ukoll kien jirraprezenta u jamministra ghan-nom tal-istess l-ishma li dawn kellhom fis-socjeta` Catimpex Ltd u f'din il-kwalita setgha anke irceva flus ghan-nom tas-socji.

U billi ghalkemm interpellat baqa' ma tax l-ebda rendikont tal-gestjoni tieghu tal-hwejjeg komuni appartenenti lill-partijiet kif fuq inghad;

Jghid l-istess konvenut Charles sive Carmelo Micallef ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah jaghti rendikont shih u fidil tal-gestjoni tieghu fi zmien qasir u perentorju;
2. In difett tigi awtorizzata l-attrici tiffissa l-ammont lilha dovut bil-gurament taghha;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 1990 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-**nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Victor Micallef** fejn jingħad kif ġej:

Illi kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet kif kontenuti fl-att tac-Citazzjoni jirrizuta li l-eccipjenti ma jistgha qatt jigi kkundannat ai termini tal-azzjoni tal-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in**-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Charles sive Carmelo Micallef** fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-eccipjent qatt ma kellu l-amministrazzjoni ta' xi negozju komuni tal-werrieta ta' Emmanuele mIcallef kif ukoll ta' ommhom Margaret Micallef kif pretiz fic-citazzjoni; kienu invece l-konvenuti John u Victor Micallef li kellhom tali amministrazzjoni; l-eccipjent kien jiggesitixxi biss in-negozju tieghu personali fejn kien ghar-rasu;

2. Illi ghalhekk qatt ma jista' jigi kkundannat jaghti rendikont ta' amministrazzjoni li qatt ma kienet f'idejh;

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom fil-konfront ta' l-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bir-riserva ta' kull azzjoni.

Rat in**-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Margaret armla Micallef, John Micallef, Marisa mart Albert Damato u l-istess Albert Damato** fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-eccipjenti jaqblu li kien hemm negozju ta' trobbija u bejgh ta' barrin bejn il-kontendenti kollha, u jaqblu wkoll illi, ghalkemm il-konvenut Carmelo sive Charles Micallef gie interpellat biex jaghti rendikont tan-negozju li huwa kien qed jamministra, huwa naqas li jaghmel dan.

2. Illi filwaqt illi x-xoghol manwali u trobbija tal-barrin kien isir eskluzivament mill-konvenut Carmelo Micallef li kien mghejjun minn lavranti part-time, il-kotba tan-negozju

kienu jinzammu mill-konvenut l-iehor Victor Micallef, u d-decizjonijiet kien jittiehdu kollettivament mill-kontendenti flimkien, sakemm ippermetta l-konvenut Carmelo Micallef. Minn certu zmien 'l hawn, dan ma baqax jaghti t-taghrif mehtieg sabiex setghu jittiehdu d-decizjonijiet, sa ma gara li Victor Micallef ma setax ikompli jzomm in ordni l-kotba tan-negozju ghaliex ma kienx qed jircievi l-informazzjoni necessarja minghand Carmelo Micallef.

3. Ghalhekk, it-talbiet tal-attrici huma gustifikati ghaliex il-konvenut Carmelo Micallef naqas li jaghti t-taghrif mehtieg fiz-zmien opportun sabiex jinzmmu in ordni l-kotba tan-negozju, u naqas ukoll li jaghti rendikont anke wara, meta gie interpellat biex jaghmel dan permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 1990.

4. B'danakollu, hemm certi punti li dwarhom l-eccipjenti ma jaqblux ma' l-attrici, u dawn jirrigwardaw dettalji dwar fondi tan-negozju.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi b'digriet tat-22 t'Ottubru 1997 mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta din il-kawża bdiet mixja mal-kawża ta' diviżjoni fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs. Margaret Micallef et** (Ċit nru 1407/1993 imbagħad Ċit Nru 2290/1993) deċiża kontestwalment.

Rat illi peress li din il-kawża bdiet mixja mal-kawża su-indikata, ir-rapporti tal-periti ġudizzjarji f'dik il-kawża ġew ippreżentati wkoll fil-proċedura odjerna;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, illum Onor. Prim'Imħallef, Dr. Mark Chetcuti ppreżentat fis-27 ta' Lulju 2010;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Charles Micallef ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2012[2], in-nota t'osservazzjonijiet ippreżentata mill-attriċi Nathalie Barbara fis-6 ta' Ġunju 2013[3] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenut Charles Micallef ippreżentata fl-4 ta' Diċembru 2013;[4]

Rat illi l-Qorti kif diversament preseduta fid-29 ta' Jannar 2018 innominat lil komputista Silvio Busuttil sabiex mill-atti proċċesswali jindika lill-Qorti l-valur tal-ġestjoni tan-negozju;

Rat illi f'Lulju 2018 il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat illi ir-rapport tal-perit komputista Silvio Bususttil ġie ppreżentat fit-18 t'Ottubru 2018;

Rat illi sas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2019 l-ispejjeż peritali dovuti minn John Micallef, Marisa D'Amato u Charles Micallef ma kienux għadhom tħallsu u għalhekk il-perit komputista ma kienx f'posizzjoni li jaħlef ir-rapport.

Rat illi b'nota tat-2 ta' Ottubru 2019 Nathalie Barbara u Dr Anthony Barbara talbu n-nomina ta' periti addizzjonali li pero' eventwalment ma insistewx fuq it-talba.

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni lill-Accountant Silvio Busutill mill-attriċi Nathalie Barbara[5] u minn John Micallef[6];

Rat ir-risposti tal-Perit Komputista għal mistoqsijiet in eskussjoni ta Nathali Barbara kif ukoll ta' John Micallef, it-tnejn ippreżentati fid-19 ta' Lulju 2021[7];

Rat id-diversi verbali dwar differimenti minħabba l-pandemija Covid-19.

Rat il-verbal tat-13 ta' Mejju 2021 fejn jirriżulta li l-perit komputista bagħat jinforma illi kien indispost fit-tul u li għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jipprepara r-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni lilu notifikati.

---

[1] Paġna 120 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 280 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 291 et seq tal-proċess.
[4] Paġna 296 et seq tal-proċess.
[5] Paġna 487 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.
[6] Paġna 491 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.
[7] Paġna 517 et seq tal-proċess 92/1992 RGM.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2022 il-perit komputista Silvio Busuttil deher b'mod virtwali u r-risponda għad-domandi in eskussjoni.

Rat illi fl-istess seduta l-Qorti għalqet l-istadju tal-provi u tat termini lill-partijiet sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Semgħat it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti**

1. Emanuel Micallef, missier l-attriċi u l-konvenuti Charles sive Carmelo Micallef, Victor Micallef, John Micallef u Marisa D'Amato u r-raġel ta' Margaret Micallef kellu n-negozju tat-trobbija tal-barrin (fl-aħħar nota tal-attriċi deskritt bħala raħħal) kif ukoll kien azzjonist fis-soċjeta Catimpex Ltd, kumpanija li timporta barrin intiżi sabiex jinbiegħu lir-raħħala għat-trobbija. Il-konvenut Charles Micallef kien jassisti lill-missieru fin-negozju u wara li miet missieru fil-11 ta' Marzu 1985, sar qbil bejn il-werrieta, li n-negozju jitkompla u kien għalhekk li Charles Micallef kompla jiġġestixxi n-negozju flok missieru iżda n-negozju qatt ma għadda għandu. Mir-rapport tal-Perit Komputista jidher li nofs is-sehem tal-missier fil-kumpanija Catimpex Ltd baqa' ghand l-omm u ċioe Margaret Micallef, filwaqt li n-nofs l-ieħor inqasam b'mod ugwali bejn l-aħwa. Ġie allegat ukoll li bħala negozju tiegħu personali Emanuel Micallef fil-mument tal-mewt kellu 55 barri li wkoll kien jieħu ħsiebhom Carmelo Micallef. L-arranġament kien li dawn il-barrin jibqgħu jiġu mitmugħa mill-flus tal-assi ta' missierhom. Dawn il-flejjes kienu jieħdu ħsiebhom Victor u John aħwa Micallef konġuntivament.

2. B'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob li Charles Micallef jiġi mġiegħel jagħti rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu u biex fin-nuqqas li jiġi ppreżentat dan ir-rendikont mill-konvenut, hija tingħata permess tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata lilha.

Ikkunsidrat

**Provi**

3. L-attriċi **Nathalie Barbara** xehdet permezz t'affidavit. Hija spjegat li missierha Emmanuel Micallef kellu negozju tat-trobbija tal-barrin; kien ukoll azzjonist fis-soċjetà Catimpex Ltd, kumpanija li timporta barrin u tbiegħ l-istess lir-raħħala għat-trobbija. Ħuha Charles Micallef tħajjar jaqbad l-istess linja ta' xogħol u kien għalhekk li qabel miet missierha, kien beda jmur jgħinu fir-razzett bix-xewqa li missieru eventwalment jgħaddilu dan in-negozju. L-attriċi spjegat li fil-fatt dan ma seħħx għaliex kien ser tinħoloq problema ta' kif ser jiġu kumpensati ħutu. Ix-xhud spjegat li dan kien ifisser li mal-mewt ta' missierha fil-11 ta' Marzu 1985, ħuha Charles Micallef ma kienx il-propjetarju tan-negozju iżda kien jagħti biss daqqa t'id fin-negozju b'paga. Is-Sinjura Barbara xehdet li mal-mewt ta' missierha, li miet intestat, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li n-negozju jitkompla bi qbil bejn l-eredi kollha u dan fuq insistenza b'mod partikolari tal-aħwa subien. Ingħad li Charles Micallef kien intgħażel biex jieħu ħsieb il-ġestjoni tan-negozju peress li kien imdorri jagħmel ix-xogħol tat-trobbija tal-annimali. Sar qbil ukoll li l-assi ereditarji kellhom ikunu amministrati minn ommha iżda li ġara kien li ommha ħalliet l-affarijiet ta' flus tal-eredità f'idejn uliedha John u Victor (ħut l-attriċi). Ħasset li kellha tħalli lill-ommha tagħmel kif xtaqet u dan sabiex ma taqlax inkwiet, iżda talbitha tinformaha dwar dak li kien qiegħed jiġri. Ommha kienet qaltilha tkellem lil John iżda dan tal-aħħar kien jerġa' jirreferiha għand ommha. Ix-xhud tgħid li hija kienet tibqa' b'informazzjoni vaga u qatt ma ħadet parti f'xi deċiżjoni li kienet tittieħed. Tgħid li l-unika darba li pparteċipat f'xi deċiżjoni kienet meta ftit wara l-mewt ta' missierha, għal nofs ix-xahar ta' Marzu 1985, hija kienet marret id-dar ta' ommha, u kien ġie deċiż bejn l-aħwa flimkien ma' ommha li ħuha Charles Micallef għandu jiġġestixxi n-negozju ta' missierhom kif ukoll ir-rappreżentanza fil-kumpanija Catimpex. Spjegat li fuq insistenza tal-imsemmija kumpanija din l-awtorizzazzjoni saret bil-miktub dak inhar li ttieħdet id-deċiżjoni u ġiet iffirmata mill-eredi kollha inkluż għalhekk minnha. Kompliet tispjega li peress li l-flus tal-wirt kienu jieħdu ħsiebhom ħuha Victor u John, dawn kienu jgħaddu xi flus sabiex in-negozju jibqa' għaddej. Qalet ukoll li mal-mewt ta' missierha, Charles kellu xi barrin tiegħu personali fir-razzett li kienu jingħataw il-ġwież u in oltre bdew

jiġu mixtrija barrin oħra importati mis-soċjetà Catimpex. Ix-xhud spjegat li sakemm Charles kien għadu jgħix id-dar jidher li l-affarijiet kienu mixjin sewwa. L-attriċi kompliet hekk: "*jien kont nghidilhom [b'referenza għal Victor u John] biex jikkontrollaw x'kien qed jaghmel Charles sive Carmelo Micallef peress li l-attitudini ta' Charles [...] dehret li kienet ostili ghalija peress li ma kienx jrid jaghti sodisfazzjoni ta' x'kien qed jaghmel u meta kellimtu biex jaghti rendikont kellna xi nghidu u qalli li kien qed jahdem ghalija. Izda perss li deherli li l-mama jew huti s-subien l-ohra kienu f'posizzjoni ahjar minni biex jikkontrollaw u jottjeni rendikont minghand Charles [...] jiena ma bqajtx ninsisti mieghu."*[8] Għalhekk, skont ix-xhud, wara d-deċiżjoni li ttieħdet fix-xahar ta' Marzu 1985 hija ġiet eskluża minn dak kollu li kien qiegħed isir u l-unika informazzjoni li kienet tingħata kienet waħda ġenerali. Ix-xhud tgħid li wara xi żmien deher li beda jinqala l-inkwiet. Dan saret tafu għaliex ħuha John kien qalha li Charles ma ried lil ħadd jidħol aktar fir-razzett. Nonostante dan in-negozju baqa' għaddej minn Charles iżda l-affarijiet bdew imorru għall-agħar. Tgħid li hija dejjem kienet issaqsi lill-ommha u ħuha John għal rendikont imma qatt ma qalulha. Tgħid li ommha kienet tgħidilha ma tinkwetax. Għal bidu tal-1990, ħuha John kien informaha li inqala' diżgwid serju u li Charles ma ried jagħti l-ebda rendikont ta' dak li kien qed jagħmel għan-nom tagħhom. Ix-xhud tgħid li kienet insistiet ma' ommha u ħutha li l-affarijiet ma setgħux jibqgħu għaddejjin hekk aktar u aktar meta hi ma kellha l-ebda informazzjoni dwar x'kien qiegħed jiġri min-negozju ta' missierha inkluż id-dħul u ħruġ tal-flus. Tgħid li marru għand avukat u kien ippreżenta ittra uffiċċjali għan-nom tagħhom ilkoll għal rendikont iżda Charles baqa' ma tax informazzjoni.

4. In kontro-eżami Nathalie Barbara għall-mistoqsija jekk Charles Micallef kellux ukoll in-negozju tiegħu personali tat-trobbija u bejgħ tal-barrin separatament min-negozju li kellu missierha, hija spjegat illi huwa minnu li Charles kellu negozju tiegħu iżda kien missierha li kien beda dak in-negozju. In-negozju u bejgħ tal-barrin kien missierha biss u l-aħwa ma kellhom l-ebda sehem (*share*) fih.[9]

[8] Paġna 20 tal-proċess.

[9] Il-Qorti tosserva li fis-7 ta' Diċembru 1992, proprju meta sar il-kontro-eżami tal-attriċi Nathalie Barbara, ġie verbalizzat hekk: "Il-Qorti, tosserva li ghad-domandi li saru mill-konvenut Charles Micallef l-attriċi irrispondiet fin-negattiv u ghalhekk ir-risposti ma tnizlux." Din il-Qorti tosserva li lanqas il-mistoqsijiet ma ġew traskritti.

5. L-attur **Dr. Anthony Barbara** xehed ukoll permezz t'affidavit. Beda billi qal li huwa iżżewweġ lil Nathalie fil-15 ta' Novembru 1980. Jgħid li huwa kien jaf li missierha kellu negozju tat-trobbija tal-barrin. Qal li kien hemm xi żmien fejn missier Nathalie kien informah dwar ix-xewqa li kellu li jsib xi metodu biex jikkompensa lil uliedu jekk iċedi n-negozju lill-ibnu Charles. Jgħid li dan ma sarx u sa meta miet il-kunjatu tiegħu, Charles kien għadu bil-paga. Mal-mewt ta' Emmanuel Micallef, Charles kellu l-esperjenza tat-trobbija tal-barrin. Xehed li huwa kien ġie informat minn martu u ħutha li Charles kellu jkompli jieħu ħsieb in-negozju u li kellu jirrappreżentahom fis-soċjetà Catimpex. Qal li martu kienet informatu li hija iffirmat karta f'dak is-sens. Kompla jgħid li huwa ra dik l-iskrittura li kienet tgħid li Charles kien ser jirrappreżentahom eskluż ommhom fil-kumpanija ġa imsemmija. Dr. Barbara qal li għal xi żmien l-affarijiet kienu mixjin tajjeb minkejja li safejn jaf hu l-ebda rendikont qatt ma ingħata lil Nathalie. Spjega li huwa ġieli staqsa lil martu jekk kienx hemm xi dħul jew ħruġ ta' flus però kienet qaltlu li ħadd ma ried jagħtiha sodisfazzjon. Ix-xhud kompla jgħid li huwa kien qal lil Nathalie sabiex tkellem lill-ommha dwar dan imma ommha kienet tirreferiha għand ħutha iżda dawn qatt ma tawha informazzjoni dwar ħruġ u dħul. Wara ħafna żmien irriżultalu li l-affarijiet kienu marru għal agħar u dan għaliex Charles ma riedx jagħti informazzjoni dwar dak li kien qiegħed jagħmel.

6. Xehed il-konvenut **Charles Micallef** fejn ikkonferma fl-intier tiegħu dak li inkiteb fin-nota tal-eċċezzjonijiet. Ix-xhud però kompla x-xhieda tiegħu permezz t'affidavit. Huwa beda billi qal li huwa kien jgħin lill-missieru fix-xogħol tal-barrin u kien jitħallas għoxrin Lira (Lm20) fil-ġimgħa. Jgħid li missieru dejjem xtaq jgħaddi n-negozju lilu u dan għaliex ħutu l-oħra kienu qabdu linja differenti ta' studju. Hu kien ilu jaħdem tmien snin ma' missieru. Spjega li missieru kien itih sehem minn xi barrin ċioe meta kien jasal vapur kien jixtri tmien barrin f'ismi mis-soċjetà Catimpex Ltd li huwa kellu sehem fiha. Kompla jgħid li kien iħallas għalihom missieru u kien anke jiġborlu l-flus minn għand il-biċċerija u kien iżommhom għandu u kien iġemmahomlu. Ix-xhud qal li huwa kien talabhomlu lill-missieru għaliex kellu bżonnhom u jgħid li fil-fatt missieru tahomlu. Qal ukoll li missieru kien xtralu karrozza iżda l-prezz tagħha kien qatagħhom mill-flus li kien ġemmalu. Is-sur Micallef spjega li ġurnata qabel miet missieru, kien daħal vapur barrin. Is-soċjetà Catimpex riedet lil xi ħadd joħdilha ħsieb il-vapur ix-xatt minflok missieru u dan sabiex jiżnu l-barrin. "Il-prattika kienet li f'vapur li għall-ezempju kien ikun fih tliet mija jew tliet mija u hamsin barri, kien

jinqasam f'porzjonijiet ta' seba' jew tmien barrin u imbaghad kienu dawn il-lottijiet jitilghu bil-polza bejn il-kumpanniji li kienu jinnegozjaw fil-barrin."[10] Dawn il-barrin kienu jinbiegħu jew jinżammu u jissemmnu imbagħad jiġu mibjugħa għall-qatla. Is-soċjetà Catimpex riedet lil xi ħadd b'mod immedjat jibda jagħmel ix-xogħol flok missieru u kien għalhekk li *Managing Director* tal-imsemmija kumpanija kien kellem lil ommu u lil ħutu sabiex ituh prokura biex jagħmel dak li kien urġenti. Jgħid li tawh prokura fil-fatt imma biex jagħmel xogħlijiet ix-xatt u xogħol li jirrigwarda Catimpex. Qal li peress li kien għadu kif miet missieru huwa ħa ħsieb jagħmel dak ix-xogħol meħtieġ bit-tama li wara li titranġa d-denunzja, tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-kumpanija. Ħalef li jumejn wara li miet missieru, ħuh John talbu jmorru r-razzett, jgħid li kienu għal ħabta tad-9:30 u l-10:00 ta' filgħaxija, biex itih il-karti tar-rekords li kien iżomm missierhom u fil-fatt hekk ġara. Xi jumejn wara dan l-avveniment, John u Victor marru r-razzett flimkien biex jgħoddu l-barrin.

Ix-xhud qal li sussegwentement kellhom laqgħa l-aħwa flimkien ma' ommhom u ġie maqbul li sakemm tiġi konkluża d-denunzja, kollox kellu jibqa' mixi kif kien, fejn hu kellu jkompli jieħu ħsieb ir-razzett. Wara li titlesta l-proċedura tas-suċċessjoni kellhom jiltaqgħu biex jiftehmu x'kelli jiġri. Jgħid li għal xi seba' xhur mexxa n-negozju, fejn kienet tikkonsisti fit-trobbija, xiri ta' ġwież u qtil tal-barrin għal-laħam. Meta kien joqtol il-barrin, il-biċċerija kienet tħallsu u hu kien jgħaddihom lil ħuh Victor u f'xi okkażjonijiet anke lil ħuh John tah xi flus. Ix-xhud kompla jgħid li kienu saru żewġ jew tlett laqgħat biex jaraw is-sitwazzjoni, iżda ma kienu jinformawh b'xejn dwar x'kien qiegħed jiġri mis-suċċessjoni. Dwar ix-xogħol tas-soċjetà Catimpex, jgħid li kien hemm ħafna idejat fosthom li jibqa' jaħdem hemm bl-Lm20 fil-ġimgħa. Però dawn il-laqgħat kienu jispiċċaw normalment bil-ġlied. Jgħid li huwa kemm-il darba staqsa lil ommu biex tagħtih rendikont ta' kollox iżda kienet informatu li minn jumejn wara li miet missieru hi kienet għaddiet il-flus kollha li John u Victor. Jgħid li meta staqsiha x'ser jiġri bin-negozju li huwa kien qiegħed jaħdem fih il-ġimgħa kollha, ġimgħa wara oħra, inkluż xi daqqiet bil-lejl mingħajr ebda ħlas, ommu kienet qaltlu biex jieħu paċenzja sakemm jitlestgħu l-affarijiet tas-suċċessjoni. Però anke wara xi sena li tħallset it-taxxa, ommu kienet għadha tgħidlu li kienet għadha pendenti. Spjega li meta ra li huwa kien qiegħed jiġi ingannat huwa ma baqax jixtri barrin għalihom u beda negozju

[10] Paġna 39 tal-proċess.

tiegħu bil-barrin, f'liema ħutu ma kellhomx x'jaqsmu. Qal li meta staqsa lil Victor x'kien qiegħed jiġri, dan kien iwaħħal f'ħuh John u meta kien jistaqsi lil John dan kien jgħidlu li mhux affari tiegħu.

Is-Sur Micallef spjega li huwa qatt ma ta flus lill-oħtu Nathalie u dan għaliex il-ftehim kien jirrigwarda x-xogħol tar-razzett u kellhom jistennew li tispiċċa l-proċedura tad-denunzja. Jgħid li Nathalie qatt ma kellmitu fuq flus tar-razzett jew x'kien qiegħed jiġri fir-razzett. Li kien jaf hu kien li oħtu avviċinatu darba fejn kellmitu fuq flus li kien selfilha missieru u li kellha troddhom lill-ommha b'interessi ta' tlieta fil-mija. L-ammont kemm sellef missieru lill-oħtu, huwa ma jafx imma jgħid li missieru kien qallu li 'l fuq minn għaxart elef. Jgħid li kienet rieditu jiffirma xi karta li hija kienet ħallsithom u li kienet tathom lill-ommha, iżda hu ma riedx jiffirma karti għal xi flus li huwa qatt ma ħa.

Qal li huwa jaf li d-Direttur Maniġerjali tal-kumpanija Catimpex kien ħareġ ċekkijiet fuq '*the heirs of Emmanuel Micallef*' u mhux fuq ismu personali u kien bagħathom id-dar għand ommu ħlief wieħed ta' Lm2000 li wkoll kien fuq '*the heirs of Emmanuel Micallef*' iżda dak tah lilu. Jgħid li sar jaf minn għand oħtu Marisa li minkejja li hu ma kienx iffirma, kienu ippruvaw issarrfu ċ-ċekkijiet kemm-il darba, però ma jafx jekk issarrfux jew le.

Ix-xhud iċċara li huwa kien jaħdem biss fil-kumpanija Catimpex u hu qatt ma kellu amministrazzjoni ta' flus għaliex kien jgħaddihom lil ħutu Victor u John bl-intiża li l-flus jibqgħu għand ommu. Spjega li meta wasal biex jiżżewweġ, oħtu Marisa u żewġha Albert d'Amato kienu ipperswadewh jippruvaw jirranġaw qabel ma jiżżewweġ. Wara diskussjonijiet twal bejn John u Albert imbagħad bejnu u Albert kien sar qbil li John kellu jagħtih rendikont bil-miktub tal-flus kollha li kien hemm id-dar, flus l-Ingilterra kif ukoll nota dettaljata tal-oġġetti kollha li kien hemm id-dar. Jgħid li huwa insista li din tingħata bil-miktub għax lanqas kopja tad-denunzja ma tawh, liema kellu jġib mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Kompla jispjega li meta marru għand John biex jippruvaw jirranġaw kollox, kien qallu li kull ma jgħid hu huwa ben fatt. Ix-xhud jgħid li dan ma aċċettahx. Wara li żżewweġ ma sarux aktar diskussjonijiet għaliex għal darb'oħra kien intlaħaq ftehim fejn John kellu jagħti rendikont bil-miktub iżda dan qatt ma wasal. Kompla jgħid li wara dan l-episodju huwa kien mar għand ommu xi darbtejn u sar jaf li kienu bidlu ċ-ċavetta tad-dar

biex hu ma jkunx jista' jidħol jivverifika x'oġġetti hemm. Jgħid li huwa jiftakar li bis-saħħa tal-avukat tiegħu kif ukoll Prof Ian Refalo kienu għamlu tentattiv biex jirranġaw. Jgħid ukoll li ma sarx ftehim mhux minħabba fih u oħtu Nathalie, imma minħabba ħuhom John prinċiparjament u Victor.

7. Xehed **John Micallef** imressaq mill-konvenut Charles Micallef. F'din ix-xhieda huwa ċċara li billi l-konvenut Charles Micallef kellu jippreżenta l-kontijiet l-ewwel, huwa ma kellux jippreżenta d-dokumenti kollha li għandu fil-pussess tiegħu dwar flus imħallsa minn Charles Micallef lilu u lil ħuh Victor kif ukoll irċevuti relattivi għal tali ħlas u rendikont tan-negozju tal-barrin u tal-flus.

Ikkunsidrat

**Konklużjonijiet Perit Legali**

8. Fis-27 ta' Lulju 2010 ġie ippreżentat ir-rapport tal-Perit Legali, illum s-S.T.O. Prim'Imħallef Dr Mark Chetcuti. Beda billi għamel referenza għax-xhieda hawn fuq indikati. Għamel referenza għal tnax-il dokument datat bejn Marzu u Ottubru 1985 li juru ħlasijiet li saru minn Charles Micallef għal bejgħ ta' barrin u liema dokumenti jidhru iffirmati ukoll minn Victor Micallef bħala riċevitur tal-flus. Għamel referenza għal fatt ukoll li nonostante li waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2009 ġie verbalizzat quddiem il-Qorti li Charles Micallef u Marisa D'Amato biegħu s-sehem indiviż tagħhom fuq l-eredità ta' missierhom, dawn naqsu milli jesebixxu l-kuntratt ta' bejgħ nonostante li l-Qorti ordnat li dan jiġi ppreżentat.

9. Il-Perit Legali indika li huwa sew li din il-kawża qiegħda tistenna l-eżitu tal-kawża ta' diviżjoni istitwieta minn Charles Micallef peress li hemm irid jiddaħħal dak kollu li kien jappartjeni lil Emmanuel Micallef sal-mument tal-mewt tiegħu. Jissottometti wkoll li l-vertanza tal-proċedura in eżami tmur oltre minn hekk u dan għaliex dak li qiegħed jintalab mhux biss fuq amministrazzjoni li seta' kien hemm fuq dak appartenenti lil Emanuel Micallef iżda anke fuq dak li kien komuni bejn l-eredi wara l-mewt ta' missierha.

10. Ġie osservat mill-Perit Legali li rendikont formali qatt ma ġie ppreżentat "u qatt ma sar b'mod realistiku"[11]. Ikompli josserva li "il-partijiet li kienu involuti direttament fil-gestjoni tal-farm u amministrazzjoni tal-flus tal-bejgh tal-barrin, cioe Charles, Victor u John, baqghu inadempjenti u qatt ma taw prova cara ta' dak li dahlu jew kellhom fil-pussess taghhom mertu tal-gestjoni tat-trobbija u bejgh tal-barrin fil-farm ta' missierhom Emanuel Micallef". [12] Kompli jingħad li l-provi m'humiex suffiċjenti sabiex tingħata stampa ċara ta' dak li intalab mill-atturi u ċioe dwar x'daħal u ħareġ u x'baqa' f'idejn il-konvenuti jew uħud minnhom.

11. Il-Perit Legali ikkonkludi li ġaladarba l-kawża hija diretta biss kontra Charles Micallef, li xehed li l-karti kollha qegħdin f'idejn ħutu John u Victor għajr għal dawn it-tnax-il dokument surreferiti, it-talba attriċi għar-rendikont għandha tintlaqa' limitatament sa fejn Charles Micallef għandu informazzjoni a dispożizzjoni tiegħu, liema rendikont hu tah fid-dokumenti esibit minnu u xhieda dwar dak li jiftakar.

Ikkunsidrat;

**Konklużjonijiet Perit Komputista**

12. Silvio Busuttil ġie nominat perit komputista sabiex iħejji rapport fuq il-ġestjoni tan-negozju tar-razzett u l-barrin. Il-Perit ħa konjizzjoni tal-provi kollha li tressqu kif ukoll tar-rapport peritali oħra li ġew ppreżentati fil-kawża bin-numru 2290/1993 ġaladarba dawn il-kawżi kienu mixjin flimkien. Il-Perit wara li ra li d-dokumenti ppreżentati f'isem Catimpex Ltd ma kinux jirriflettu stampa kompleta fir-rigward tan-negozju, huwa kien għalhekk iffissa seduta sabiex preżenti jkun hemm rappreżentant tal-MFSA ħalli jiġu ppreżentati d-dokumenti kollha li ingħataw lil MFSA mid-data ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija sad-data li l-kumpanija ġiet xolta. Din is-seduta nżammet fil-11 ta' Lulju 2018, preżenti kien hemm biss rappreżentanta tal-MFSA, Dr. Claudette Fenech, li ppreżentat id-dokumenti kollha meħtieġa. Il-komputista spjega li nonostante li l-partijiet u l-avukati tagħhom ma kinux preżenti, huwa laqa d-dokumenti xorta waħda ġaladarba huma dokumenti pubbliċi.

[11] Paġna 122 tal-proċess.
[12] *ibdi.*

13. Il-fatti kif ġew stabbiliti mill-perit komputista mid-dokumenti ppreżentati mill-MFSA huma s-segwenti:

Catimpex Ltd ġiet reġistrata bħala *Private Limited Liability Company* fit-12 ta' Lulju 1965 b'numru ta' reġistrazzjoni C94. Mill-istatut irriżulta li l-azzjonisti kienu Walter Bonello, Victor [Tonna] Barthet u Emanuel Micallef, u fejn ix-*share capital* awtorizzat kien ta' Lm30,000 u l-*issued share capital* kien ta' Lm15,000 fejn inqasmu b'mod ugwali bejn l-azzjonisti. L-ewwel tlett diretturi kienu l-istess tlett azzjonijiet, fejn id-Direttur Maniġerjali kien Victor [Tonna] Barthet li kellu wkoll ir-rappreżentanza legali tas-soċjetà. Fit-28 ta' Frar 1970 il-kapital tal-kumpanija żdied bi Lm12,000 li ġew maqsuma b'mod ugwali bejn l-istess azzjonisti. Kull azzjonist issa kellu Lm9,000 sehem kull wieħed. L-għan prinċipali tal-kumpanija skont l-istatut kien '*(a) the importation and exportation of, and trade in general in live cattle and live swine of any kind whatsoever; (b) the importation and exportation and storage and sale of all kinds of frozen meats and offals; (c) the purchase, importation, storage and sale of all kinds of animal feeding stuff and compounds; and (d) to conduct all matters conducive to the attainment of the objects mentioned above*'.

14. Il-Perit komputista għadda sabiex għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Jgħid li mid-dokumenti, inkluż dawk tal-MFSA, huwa ma setax jasal għall-fatt jekk l-operat tar-razzett minn Emanuel Micallef u sussegwentement minn Carmelo Micallef u ħutu kienx jiġi rifless fl-*Audited Financial Statements*, apparti l-fatt ukoll li dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ma kienux jiġu ppreżentati salv mis-sena 1998. Ġie determinat li r-razzett kien proprjetà ta' Catimpex Ltd u għalhekk teknikament l-operat kien ukoll ta' Catimpex u Emanuel Micallef kellu biss terz tal-ishma tal-imsemmija kumpanija. Mid-dokumenti ppreżentanti mill-MFSA ma ntwerix li Emanuel Micallef kellu xi forma ta' *management agreement* fuq l-operat tar-razzett. Dan japplika wkoll meta bdew joperaw ir-razzett il-werrieta ta' Emanuel Micallef. Jirreferi wkoll għal fatt li l-bejgħ sar minn Catimpex Ltd fis-sena 2004 u saret il-likwidazzjoni fis-sena 2006 u l-flus ġew mqassma skont is-sehem lil kull azzjonist.

15. Il-Perit Silvio Busuttil ikkonkluda li

> "mill-flus li irceva [b'referenza għal Charles Micallef] u għadda lil hutu mill-operat tal-farm wara l-mewt ta' Emanuel Micallef dawn suppost gew riflessi fl-audited Financial Statements ta Catimpex Ltd fis-snin rispettivi ghar-raguni li l-operat tal-farm kienet proprjetà ta' Catimpex Ltd. Huwa evidenti li Emanuel Micallef kellu biss terz tas-sehem ta' Catimpex Ltd u li wara l-mewt ta' Emanuel Micallef baqaw jsiru meetings bejn l-azzjonisti l-ohra sa kemm giet illikwidata l-kumpanija u kulhadd ha sehmu. Ghaldaqstant tant l-audited accounts ta' Catimpex Ltd huma d-dokument uffiċjali li jirrifletti l-istampa tal-kumpanija Catimpex Ltd min meta giet iffuramta l-kumpanija sa meta giet illikwidata. Barra min hekk fis-sena 2000 thallsu diversi dividents min Catimpex Ltd lil Margaret Micallef u lil l-ahwa Micallef kif ukoll wara l-likwidazzjoni is-shareholders kollha bejniethom thalssu Lm55,171. Għalhekk ma nirrikmandax lil Qorti li ma ghandu jsir ebda forma ta valutazzjoni tan-negozju illum, meta tul iz-zmien li damet topera l-kumpanija diġà saru distribuzzjonijiet ta' dividends u li n-negozju nnifisu llum jinsab likwidat."

16. L-ewwel *audited Financial Statement* li ġiet ippreżentata l-MFSA kien fis-27 ta' Novembru 1998 għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 1997. Minn dan ir-rendikont jirriżulta li l-ispejjeż oriġinali tal-fond tar-razzett fil-Marsa kien ta' Lm12,592. Fis-16 ta' Lulju 1999 ġew ippreżentati l-MFSA *Financial Statement* għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 1998. Fid-9 ta' Diċembru 1999 ġiet mibgħuta l-MFSA Formola T fejn ġie muri li 9,000 sehem ta' Emanuel Micallef ġew trasferiti hekk:

- 4500 ishma lil Margaret Micallef
- 900 ishma lil Victor Micallef
- 900 ishma lil John Micallef,
- 900 ishma lil Marisa D'Amato u
- 900 ishma lil Carmelo Micallef

17. Jirriżulta li fit-3 ta' Mejju 2000 sar *Shareholders Extraordinary Meeting* tal-kumpanija in eżami fejn ġie miftiehem li r-razzett ta' Catimpex Ltd jiġi mibjugħ u li offerti anqas minn Lm400,000 m'għandhomx jiġu aċċettati. Fl-14 ta' Diċembru 2000, wara laqgħa tal-azzjonisti fl-istess data, ġew imqassma *dividends* lil Margaret Micallef ta' Lm8,163,170 u lil Marisa D'Amato, Nathalie Barbara, John Micallef, Victor Micallef u Charles Micallef is-somma ta' Lm1,632,634 kull wieħed.

18. Fis-snin bejn 2000 u 2005 ġew ippreżentati dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-snin bejn 1999 u 2004. Fis-16 ta' Ġunju 2006 il-kumpanija tqiegħdet f'likwidazzjoni. Id-dikjarazzjoni finanzjarja verifikata għas-sena 2003 juri li d-diretturi stmaw ir-razzett għal valur ta' Lm200,000. Skont l-espert komputista, id-dikjarazzjoni finanzjarji verifikata għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 2004 juri li fil-21 t'April 2005, ir-razzett imbiegħ mis-soċjetà Catimpex Ltd għas-somma ta' Lm300,000.

19. Skont il-*winding up accounts* li ġew ippreżenti fid-19 ta' Diċembru 2006 lill-MFSA mil-likwidatur Stephen Balzan, saru s-segwenti distribuzzjonijiet:

    (i) Parlato Bros Ltd 33.34% Lm 18,394
    (ii) Ciantar Bros Ltd 33.34% 18,394
    (iii) Margaret Micallef 16.67% Lm9,198
    (iv) Nathalie Barbara 3.33% Lm1,837
    (v) Marisa D'Amato 3.33% Lm1,837
    (vi) Carmelo Micallef 3.33% Lm1,837
    (vii) Victor Micallef 3.33% Lm1,837
    (viii) John Micallef 3.33% Lm1,837

20. Fil-11 t'April 2012, is-soċjetà Catimpex Ltd ġiet *struck off* mir-reġistru tal-kumpaniji.

21. Fir-rapport tiegħu l-Perit Komputista ma daħalx fil-kwistjoni tan-negozju personali ta' Emanuel Micallef u dan għaliex huwa ħass li għandu jistrieħ fuq *audited accounts* milli irċevuti u *workings* li kien hemm fil-proċess mingħajr ma kellhom ebda spjegazzjoni fuqhom.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

22. Din hija kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenut Carmelo Micallef rendikont għall-atti ta' amministrazzjoni, li hija tgħid li dan wettaq fin-negozju li kellu missierhom. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Carmelo Micallef jiċħad li huwa kien mandatarju iżda jinsisti li huwa kien jieħu ħsieb il-mano d'opera tan-negozju u l-amministrazzjoni proprja kienet f'idejn John u Victor Micallef.

23. L-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq **Artikoli 389** u **390 tal-Kapitolu 12**.

**L-Elementi tal-Istitut tal-Mandat**.

24. Fis-sentenza **Albert Calleja noe vs. Franco Buttigieg** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Jannar 2023 intqal kif ġej fuq il-materja ta' rendikont minn mandatarju:

> "16. Il-qorti tqis li l-**artikolu 1875 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li l-mandatarju għandu jagħti kont ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, u dan sakemm huwa ma jiġix meħlus minn dan l-obbligu b'mod espress mill-mandant. Hekk ukoll, l-**artikolu 389(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li kull min huwa obbligat li jagħti kont, għandu jippreżentah bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh;
>
> 17. Dan ir-rendikont għandu dejjem jingħata mill-mandatarju u mhux minn terzi li jista' jkollhom dak it-tagħrif. L-obbligu tar-rendikont ma jispiċċax jekk kemm-il darba t-tagħrif ma jkunx għadu aktar disponibbli għaliex bank ikun ħassar l-informazzjoni li

jkollu wara li jgħaddi ċertu żmien (ara ***Margaret Attard v. Dr. Ian Spiteri Bailey et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008);

18. Għalhekk, kulma huwa meħtieġ biex titwieled din l-obbligazzjoni tal-għoti tar-rendikont fuq il-konvenut, huwa li jintwera li dan kien mandatarju tal-attriċi dwar il-ġid li hija żżomm b'mod komuni miegħu (ara ***Paolino Tonna et v. Carmen Cacciattolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2021) u li l-attriċi fl-ebda waqt ma ħelsitu espressament minn dan l-obbligu tiegħu li jagħtiha rendikont (ara ***Hector Tanti et pro et noe v. Alfio Micallef Grimaud et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2010);

19. Huwa magħruf li l-mandat m'għandux għalfejn ikun bil-mitkub, iżda jista' jkun bil-fomm u saħansitra anke taċitu (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kemm hu hekk, skont l-**artikolu 1857(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-mandat jista' jingħata: (i) b'att pubbliku, (ii) b'kitba privata, (iii) b'ittra jew bil-fomm, jew (iv) ukoll taċitament;

20. Lanqas l-aċċettazzjoni min-naħa tal-mandatarju ma teħtieġ xi forma partikolari għaliex skont l-**artikolu 1858 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, din tista' wkoll tkun taċita u tidher mill-fatt (ara ***Vincent Camilleri v. Emanuel Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2015). Naturalment, il-mandat taċitu jiddependi minn imġiba waħdanija u konkludenti li minnha tista' tingħaraf l-għotja tal-mandat u l-aċċettazzjoni tiegħu (ara ***David Chetcuti nomine v. Richard K. Kandler*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Novembru, 2006);

21. M'hemmx kwistjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat, għandu fuqu l-piż li jippruvah (ara ***Ethel Farruġia v. Albert von Brockdorff noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Frar, 1971, ***Frank Ċilia nomine v. Charles Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992, ***Atlas Insurance Limited proprio et nomine v. Air Cargo Logistics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-1 ta' Marzu, 2006 u ***Joseph Attard et v. Anthony Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019) u f'każ ta' dubju l-mandat għandu jiġi eskluż (ara ***John Falzon et v.***

***KML Manufacturing Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Ġunju, 2013);

22. Huwa miżmum ukoll li l-ħatra ta' amministratur ġenerali tagħti ħjiel ċar ta' mandat. Il-persuna maħtura bħala amministratur qatt ma tamministra ħwejjiġha, imma tamministra l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Il-mandatarju ma jaġixxi qatt f'ismu iżda jaġixxi dejjem f'kull ċirkostanza f'isem il-mandanti tiegħu u fil-limiti tal-mandat lilu fdat (ara ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2002);"

25. Hekk delineati l-prinċipji ewlenien tal-mandat imiss li jiġi mistħarreġ l-applikabbilita tagħhom għal każ odjern.

26. Fil-każ odjern, wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn in-negozju personali ta' missier l-attriċi u ċioe dak ta' raħħal u n-negozju li fih kellu sehem minn tlieta fl-isem ta' Catimpex Ltd. Filwaqt li l-Perit Komputista ħa kont tal-kumpanija Catimpex Ltd u kiseb kopja tar-rendikonti awditjati, l-istess ma kienx f'pożizzjoni li jġib informazzjoni li kienet awditjata għal dak li għandu x'jaqsam man-negozju personali tad-defunt Emanuel Micallef.

27. Kif fuq spjegat il-kumpanija Catimpex Ltd kellha tlett azzjonisti: Walter Bonello, Victor [Tonna] Barthet u Emanuel Micallef. Ifisser għalhekk li Emanuel Micallef kellu sehem minn tlieta. Wara l-mewt ta' Micallef, ingħad mill-partijiet li sar qbil u anke saret skrittura f'dan is-sens, liema skrittura pero qatt ma ġiet ippreżentata, li Carmelo Micallef kellu jkompli jiġġestixxi n-negozju ta' missieru. Fir-rigward tas-sehem Emaneul Micallef fil-kumpanija Catimpax Ltd, dan inqasam minn nofs, fejn nofs ġie assenjat lil Margaret Micallef, mart Emanuel Micallef, u n-nofs l-ieħor inqasam f'ishma ugwali bejn it-tfal ta' Emanuel Micallef. Dan ġie spjegat ċar mill-Perit Komputista Schembri.

28. Il-Perit Komputista ġabar l-*audited accounts* li ġew ippreżentati lil MFSA. L-ewwel *audited Financial Statement* ġiet ippreżentata l-MFSA fis-27 ta' Novembru 1998 għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 1997 filwaqt li l-aħħar *audited Financial Statement* ġiet ippreżentata fis-sena 2005. Għalkemm ma kienx Carmelo Micallef li ġab din il-prova iżda

rappreżentant tal-MFSA fuq talba tal-Perit Komputista, il-Qorti tara li dawn ir-rendikonti finanzjarji huma suffiċjenti għal perjodu bejn l-1997 u l-2004, iżda x'ġara qabel l-1997 din il-Qorti hija fl-għama u ma tista' tagħmel referenza għal ebda *financial statments.* Il-Qorti tqis li fil-mori ta' dawn il-proċeduri u proprju fis-sena 2006, il-kumpanija Catimpax Ltd ġiet xolta u skont il-*winding up accounts* li ġew ippreżenti fid-19 ta' Diċembru 2006 lill-MFSA mil-likwidatur Stephen Balzan, saru s-segwenti distribuzzjonijiet:

a. Parlato Bros Ltd 33.34% Lm 18,394
b. Ciantar Bros Ltd 33.34% 18,394
c. Margaret Micallef 16.67% Lm9,198
d. Nathalie Barbara 3.33% Lm1,837
e. Marisa D'Amato 3.33% Lm1,837
f. Carmelo Micallef 3.33% Lm1,837
g. Victor Micallef 3.33% Lm1,837
h. John Micallef 3.33% Lm1,837

29. Ma ġiex muri mill-attriċi li hija kkontestat is-somma li hija rċiviet, wisq anqas il-partijiet l-oħra.

30. Din il-Qorti fehmet li l-kontestazzjoni prinċipali attwalment ma kinitx il-ġestjoni tal-kumpanija Catimpex Ltd li fil-11 t'April 2012 ġiet *struck off* mir-reġistru tal-kumpaniji, iżda l-kontestazzjoni hija proprju l-ġestjoni tan-negozju personali ta' Emanuel Micallef. Imiss għalhekk lil din il-Qorti sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq dan il-punt.

31. Il-Qorti daret b'reqqa l-atti kollha tal-kawża u jidhrilha li mill-provi miġjuba, l-attriċi ma rnexxilix turi li għal xi żmien wara l-mewt ta' missierhom, il-konvenut Carmelo Micallef kien il-mandatarju tagħha li **wettaq waħdu** atti ta' amministrazzjoni dwar ġid tagħha miżmum b'mod komuni miegħu u ma' ħutha l-oħra. Il-Qorti fehmet li dak li kien jagħmel Carmelo Micallef kien l-amministrazzjoni tal-barrin fuq bażi kwotidjana filwaqt li n-negozju fejn jidħlu amministrazzjoni ta' flus u ċioe ta' dħul u infieq kien kontrollat minn ħutha oħra.

32. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wara li rat li

a. Ma ġiex ikkontestat minn Victor u John aħwa Micallef li wara l-mewt ta' missierhom, huma marru r-razzett u ħadu d-dokumentazzjoni kollha ta' missierhom rigwardanti n-negozju tiegħu u inizjalment żammhom Victor Micallef iżda wara xi żmien kien għaddihom lil John Micallef wara li dan kien qallu biex jgħaddihomlu;

b. John Micallef fl-affidavit tiegħu ħalef li kien talab lil Victor Micallef jagħtih rendikont tan-negozju u dan presubbilment għaliex kellu għandu l-kotba kollha tan-negozju[13];

c. Kien John Micallef li ppreżenta kopja ta' irċevuti tal-għalf, *workings* u kopja minn xi *ledgers*, tant li anke waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2012, Dr. Martin Fenech, legali ta' John Micallef u Margaret Micallef, sostna "li l-klijent tiegħu ppreżenta rendikont mitlub f'din il-kawża, relattiv ghal perjodu wara l-mewt tal-missier Emanuel Micallef."[14]

d. Fuq kollox l-attriċi naqset milli turi b'mod ċar li hija espressament jew taċitament inkarigat lil Carmelo Micallef bħala mandatarju tagħha. Għalkemm Nathalie Barbara tgħid li kien hemm skrittura fejn Carmelo Micallef ingaħata l-inkarigu jiġġestixxi n-negozju ta' missierhom, sfortunatament tali skrittura qatt ma ġiet ippreżentata. Il-Qorti hija konxja li mhux neċċessarjament ikun hemm skrittura għal għoti ta' mandat iżda jekk jingħad li kien hemm skrittura, allura l-Qorti tifhem li l-aħjar prova kienet tkun proprju dik l-iskrittura.

33. Sfortunatament, nonostante li l-proċess huwa wieħed voluminuż, fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma ġie ppreżentat rendikont suffiċjenti ta' dan in-negozju nonostante li l-Qorti diversament preseduta insistiet mal-partijiet diversi drabi sabiex jippreżentaw tali rendikont. Dak li ġew ippreżentati huma għadd ta' irċevuti ta' uħud mill-flus li Carmelo Micallef għadda lil ħuh John Micallef kif ukoll irċevuti ta' għalf.

---

[13] Paġna 137 – 138 tal-proċess.
[14] Paġna 129 tal-proċess.

34. Din il-Qorti ħadet kont ta’ dawn id-dokumenti hekk imsejħa rendikonti u tagħraf ukoll li hemm qbil bejn il-partijiet li missierhom kien xtara numru ta’ barrin iżda din il-Qorti tosserva wkoll li l-istess ma ġew sostanzjati minn ebda dokumenti oħra fis-sens illi għajr għal xi irċevuti tal-għalf, ma ġiet ippreżentata ebda prova oħra bħal per eżempju prova dwar xiri tal-barrin, provi tal-ispejjeż li saru sabiex saret il-qatla tal-barrin kollha, prova tal-qliegħ mill-bejgħ tal-laħam tal-barrin kollha li kienu għadhom ħajjien wara mewt missierhom.

35. F’għajn il-Qorti diversament preseduta[15] u anke f’għajnejn din il-Qorti l-preżentata ta’ tal-irċevuti, *workings* u kopjra ta’ xi *ledger* li lanqas huwa maħluf jew spjegat b’mod ċar sabiex tifhem din il-Qorti, weħidhom ma jammontawx għal rendikont kif meħtieġ bil-liġi.

37. L-**Artikoli 389 tal-Kapitolu 12** u l-artikoli li jsegwu jippreċiżaw dak li huwa meħtieġ meta ssir talba ġudizzjarja għall-għoti ta’ rendikont. Jingħad li kull min hu obbligat li jagħti rendikont għandu jippreżentah bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh. In oltre, l-**Artikolu 390** jipprovdi li tali kont għandu jkun fih tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata kont, il-partiti tad-dħul, il-partiti tan-nefqa u l-bilanċ li għad irid jidħol u l-ħwejjeġ li għandhom jittieħdu lura. Fl-aħħar nett, jingħad li dak il-kont għandu jagħlaq b’rijassunt.[16] Huwa rendikont f’dan is-sens li semai kellu jiġi ppreżentat fil-mori tal-kawża meta ġew ordnati jagħmlu hekk mill-Qorti kif diversament preseduta. Fin-nuqqas ta’ dan il-Qorti sejra tgħarbel minn għandu jippreżenta r-rendikont kif mitlub skont il-liġi.

38. Mill-provi jidher li Carmelo Micallef kien jagħmel il-*mano d’opera* peress li kien l-unika wieħed fost l-aħwa li kellu l-esperjenza. Deher ċar mill-provi li Carmelo kien jgħaddi l-flus li kien jiġbor mill-qatla ta’ xi barri lil ħutu s-subien l-oħra. Dan ma ġiex ikkontestat minnhom. B’dan il-Qorti tifhem li kienu l-aħwa Victor Micallef u John Micallef li kienu qegħdin jamministraw il-flus tan-negozju li qabel kien ta’ missierhom u kienu huma fl-aħjar pożizzjoni li jipprovdu r-rendikont kif meħtieġ minn Nathalie Barbara. Dan magħdud il-Qorti ma tistax tordnalhom jagħmlu tali rendikont u dan in vista li għalkemm John u

---

[15] Ara verbali tas-26 ta’ Jannar 2012 u tal-20 ta’ Marzu 2012.

[16] Ara **Nicholas Cutajar et vs. Salvu Cutajar et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Mejju 2005 u **Margaret Attard vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et nomine** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ April 2008.

Victor aħwa Micallef huma wkoll konvenuti, it-talbiet tal-attriċi huma indirizzati unikament lejn Carmelo Micallef u dan stante li r-rikors promotur jipprovdi hekk: "Jghid l-istess konvenut **Charles sive Carmelo Micallef** ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti[17]: Tikkundannah jaghti rendikont shih u fidil tal-gestjoni tieghu fi zmien qasir u perentorju". Tant li Victor u John Micallef ġew imħarka fil-kawża biss għal kull interess li jista' jkollhom. Għal fini ta' dawn il-proċeduri biss u mingħajr preġudizzju għall-azzjoni ta' diviżjoni li mixja flimkien ma' din l-azzjoni, it-talba tal-attriċi kienet indirizzata biss lil Carmelo Micallef u ma kien hemm ebda riżerva li tali rendikont għandu altrimenti jingħata minn min kien involut. Għal fini ta' din il-kawża, l-obbligu tqiegħed biss fuq il-konvenut Carmelo Micallef.

39. Jekk il-Qorti kellha tordna lil Victor u John Micallef jagħmlu rendikont, bħal m'hi tippretendi l-attriċi Nathali Barbara fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tas-6 ta' Ġunju 2013 meta ssottometiet li n-neċessita li jingħata rendikont tiġi spostata għal fuq il-konvenut John Micallef, il-Qorti tkun qiegħda tiddeċiedi *extra petita*. Huwa ben saput li l-kawża hija tal-attur, u l-Qorti hija marbuta tiddeċiedi biss dak li intalab minnha fl-att promotur.

40. Fil-mori tal-kawża Carmelo Micallef ippreżenta d-dokumenti li kellu fil-pussess tiegħu, ċioe Dok CM2 sa Dok CM13[18], u xehed ukoll dwar dak li jiftakar. Din il-Qorti hija tal-fehma li Carmelo Micallef ma kienx u m'huwiex f'pożizzjoni li jista' jagħti rendikont tan-negozju li kellu missierhom u li tkompla wara mewtu u dan peress li l-amministrazzjoni per se tan-negozju kien f'idejn l-aħwa Victor u John Micallef.

41. L-attriċi fl-ebda mument ma talbet żieda fit-talbiet attriċi.  Tali nuqqas ma hux sanabbli f'sentenza finali.

---

[17] Enfasi miżjud minn din il-Qorti.
[18] Paġni 172 – 183 tal-proċess.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tqis li t-talbiet attriċi in kwantu diretti unikament kontra l-konvenut Carmelo Micallef ma humiex fondati peress li l-amministrazzjoni tan-negozju li ħalla d-defunt Emanuel Micallef ma kenitx f'idejn il-konvenut Carmelo Micallef;

2. Għaldaqstant tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti;

Spejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxi bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**